SEGRETARJAT EDUKAZZJONI NISRANIJA

30, Binja Josmar,
Triq Idmejda, Ħal Balzan, BZN 1521, Malta
Tel: +356 22039360
www.csm.edu.mt

# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fl-ewwel sena sekondarja

F'Novembru 2022 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għas-sena skolastika 2023-2024. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għall-ewwel sena sekondarja.

## Subien tal-Ewwel Sena Sekondarja Mainstream

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja subien mainstream huwa ta' mitejn, sebgħa u għoxrin (227) post.

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| | | |
|---|---|---|
| *1b* | *Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 3 |
| *1b 1g* | *Tfal tal-impjegati fl-istess skola fejn m'hemmx postijiet* | 4 |
| *1ċ* | *Aħwa* | 24 |
| *1ċ 1f* | *Aħwa li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 10 |
| *1f* | *Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 95 |
| *1ġ* | *Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 7 |
| ***Total*** | | **143** |

Għandna ukoll sitt applikazzjonijiet tal-Aħwa għal skejjel li bħalissa ma għandhomx post vakanti. Jekk jinħoloq post vakanti fl-iskejjel rilevanti dawn jinkitbu fihom. Dawn mhumix inklużi fit-tabella t'hawn fuq.

Għandna applikazzjoni b'talba għal transfer. Dan il-post ma jitnaqqasx mit-total għaliex filwaqt li jista' jokkupa post fi skola oħra, iħalli post fl-iskola fejn jattendi.

## Subien tal-Ewwel Sena Sekondarja li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja subien bis-sapport huwa ta' ħamsa u għoxrin (25) post.

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa:**

| | | |
|---|---|---|
| *1b* | *Tfal ta' impjegati fl-istess skola* | 1 |
| *1b 1f* | *Tfal ta' impjegati fl-istess skola li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 1 |
| *1c 1f* | *Tfal minn skola bla kontinwità li ħuthom qegħdin fi skola tal-Knisja* | 1 |
| *1f* | *Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 18 |
| *1c* | *Aħwa* | 1 |
| *1a* | *Tfal mid-djar tal-knisja* | 1 |
| *1ġ* | *Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 1 |
| ***Total*** | | **24** |

Għandna ukoll tlett applikazzjonijiet tal-Aħwa għal skejjel li bħalissa ma għandhomx post vakanti. Dawn mhumix inklużi fit-tabella t'hawn fuq.

L-ordni ta' preċedenza għad-dħul fl-iskejjel tal-knisja ghat-tfal bis-sapport issegwi paragrafu 2.5 tar-Regolamenti tal-Każijiet Serji.

In-numru ta' applikazzjonijiet li rċevejna jippermetti li nilqgħu applikazzjonijiet taħt it-tielet kriterju 'Applikanti Oħra'.

### Subien tal-Ewwel Sena Sekondarja Każijiet Soċjali

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja subien każijiet soċjali huwa ta' ħames (5) postijiet.

Għandna żewġ applikazzjonijiet taħt il-kriterju tat-Tfal mid-djar tal-knisja u applikazzjoni oħra mil-kriterju tat-tfal minn skejjel bla kontinwità.

Għandna ukoll applikazzjoni oħra tal-Aħwa għal skola li bħalissa m'għandix post vakanti.

### Bniet tal-Ewwel Sena Sekondarja Mainstream

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja bniet huwa ta' tmienja u sebgħin (78) post. Inqaleb post minn każ soċjali għal mainstream. Għalhekk it-total jiġi għal disgħa u sebgħin (78+1=79) post.

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| | | |
|---|---|---|
| *1a* | *Tfal mid-djar tal-knisja* | 1 |
| *1b* | *Tfal tal-impjegati* | 1 |
| *1ċ* | *Aħwa* | 16 |
| *1ċ 1f* | *Aħwa minn skola bla kontinwità* | 2 |
| *1f* | *Tfal minn skola bla kontinwità* | 19 |
| *1ġ* | *Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 4 |
| ***Total*** | | **43** |

Għandna erbgħa applikazzjonijiet tal-aħwa għal skejjel li bħalissa ma għandhomx post vakanti. Kif ukoll applikazzjoni għal transfer fi skola li m'għandix post vakanti. Jekk jinħoloq post vakanti fl-iskejjel rilevanti dawn jinkitbu fihom. Dawn m'humix inklużi fit-tabella t'hawn fuq.

### Bniet tal-Ewwel Sena Sekondarja Li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Ninfurmawkom li b'differenza minn skejjel sekondarji tas-subien, ma għandnix skejjel sekondarji tal-bniet li ma għandhomx primarja. Dan ifisser li l-iskejjel sekondarji tal-bniet kollha għandhom tfal bl-għajnuna ta' L.S.E. li ġejjin mill-primarja. Għalhekk huwa diffiċli li jaċċettaw aktar tfal bl-għajnuna ta' L.S.E., fil-fatt lesti li jaċċettaw sitt ibniet bil-għajnuna ta' L.S.E.

Għandna żewġ applikazzjonijiet ta' bniet bis-sapport minn skola bla kontinwità u żewġ applikazzjonijiet ta' aħwa bis-sapport għal skejjel li bħalissa m'għandhomx postijiet vakanti.

Segretarjat Edukazzjoni Nisranija
30, Binja Josmar,
Triq Idmejda,
Ħal Balzan, BZN 1521

Tel: 22039360
Email: info@csm.edu.mt
www.csm.edu.mt

**Konklużjoni**

Se jintlaqgħu applikazzjonijiet għas-subien u għal-bniet: *mainstream*, Każijiet bis-sapport tal-LSE, Każijiet Soċjali u tal-Ażil.

Aktar informazzjoni tinsab fir-Regolamenti tad-Dħul. Lista bl-applikanti tal-ewwel kriterju, li qed nirreferu għalihom f'din iċ-ċirkulari, tiġi ppublikata fil-ġimgħat li ġejjin fil-paġna tal-iskejjel tal-Knisja f'www.knisja.mt.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw fi snin oħra tad-dħul. Għalhekk jekk ikun hemm post vakanti dawn jingħataw preċedenza skont ir-Regolamenti (3.1).

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **27 ta' Jannar 2023**

Segretarjat Edukazzjoni Nisranija
30, Binja Josmar,
Triq Idmejda,
Ħal Balzan, BZN 1521

Tel: 22039360
Email: info@csm.edu.mt
www.csm.edu.mt